DIRETTIVA 2009/44/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-6 ta' Mejju 2009

li temenda d-Direttiva 98/26/KE dwar il-finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli u d-Direttiva 2002/47/KE dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali rigward sistemi konnessi u talbiet għal kreditu.

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artiklu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Filwaqt li jaġixxu *skont* il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) stabbiliet reġim li fih jiġu żgurati l-finalità tal-ordnijiet ta' trasferiment u l-innettjar, kif ukoll l-infurzabilità tas-sigurtà kollaterali, fir-rigward ta' parteċipanti domestiċi kif ukoll dawk barranin fis- sistemi tal-ħlas ta' pagamenti u titoli.

(2) Ir-Rapport ta' Evalwazzjoni mill-Kummissjoni tas-7 ta' April 2006 dwar id-Direttiva dwar Finalità ta' Settlement 98/26/KE ikkonkluda li, b'mod ġenerali, li d-Direttiva 98/26/KE qed taħdem sew. Ir-rapport enfasizza li fil-qasam tas-sistemi tal-ħlas ta' pagamenti u titoli jistgħu jkunu għaddejjin xi bidliet importanti u kkonkluda wkoll li hemm xi ħtieġa li tkun iċċarata u ssimplifikata d-Direttiva 98/26/KE.

(3) Il-bidla ewlenija, madankollu, hi l-għadd dejjem akbar ta' konnessjonijiet bejn is-sistemi, li fiż-żmien meta kienet abbozzata d-Direttiva 98/26/KE, kienu joperaw kważi esklussivament fuq bażi nazzjonali u indipendenti. Din il-bidla hija waħda mir-riżultati tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji ([5]), u l-Kodiċi ta' kondotta Ewropew għall-clearing u l-ħlas. Bil-għan li jsir adattament għal dawk l-iżviluppi, il-kunċett ta' sistema interoperabbli u r-responsabbiltà tal-operaturi tas-sistemi għandhom jiġu ċċarati.

(4) Id-Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) ħolqot qafas ġuridiku Komunitarju uniformi għall-użu (transkonfinali) ta' kollateral finanzjarju u b'hekk abolixxiet il-parti l-kbira tal-ħtiġiet tradizzjonalment imposti fuq l-arranġamenti kollaterali.

(5) Il-Bank Ċentrali Ewropew iddeċieda li jintroduċi talbiet għal kreditu bħala tip eliġibbli ta' kollateral għall-operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema mill-1 ta' Jannar 2007. Sabiex jimmassimizza l-impatt ekonomiku tal-użu ta' talbiet ta' kreditu, il-Bank Ċentrali Ewropew irrakkomanda estensjoni tal-ambitu tad-Direttiva 2002/47/KE. Ir-Rapport ta' Evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar id-Direttiva dwar Arranġamenti Finanzjarji Kollaterali (2002/47/KE) indirizza din il-kwistjoni u ssottoskriva l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew. L-użu ta' talbiet għal kreditu se jżid il-ġabra ta' kollateral disponibbli. Barra minn hekk, aktar armonizzazzjoni fil-qasam tas-sistemi ta' settlment ta' pagament u titoli tkompli tikkontribwixxi sabiex ikun hemm l-istess kondizzjonijiet għal kulħadd fost l-istituzzjonijiet ta' kreditu fl-Istati Membri kollha. Kieku l-użu tat-talbiet għal kreditu bħala kollateral kellu jkun iffaċilitat aktar, il-konsumaturi u d-debituri jibbenefikaw ukoll minħabba li l-użu tat-talbiet għal kreditu bħala kollateral fl-aħħar jista' jwassal għal kompetizzjoni aktar intensiva u disponibbiltà aħjar ta' krediti.

(6) Bil-għan li jkun iffaċilitat l-użu tat-talbiet għal kreditu, huwa importanti li tiġi abolita jew ipprojbita kwalunkwe regola amministrattiva, bħall-obbligi ta' notifika u reġistrazzjoni, li tagħmel l-għotjiet tat-talbiet għal kreditu imprattikabbli. B'mod simili, bil-għan li ma tkunx kompromessal-pożizzjoni tar-riċevituri tal-kollateral, id-debituri għandhom ikunu jistgħu jirrinunzjaw b'mod validu għad-drittijiet ta' tpaċija tagħhom fil-konfront tal-kredituri. L-istess raġunament għandu japplika wkoll għall-ħtieġa li tkun introdotta l-possibbiltà li d-debitur jirrinunzja r-regoli tas-segretezza bankarja, minħabba li jekk dan ma jkunx il-każ ir-riċevitur tal-kollateral jista' ma jkollux biżżejjed informazzjoni biex jivvaluta b'mod adatt il-valur tat-talbiet għal kreditu sottostanti. Dawn id-dispożizzjonijiet huma mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumaturi ([7])

([1]) ĠU C 216, 23.8.2008, p. 1.

([2]) L-Opinjoni tat-3 ta' Diċembru 2008 (għadha ma mhix ippubblikata fil-ĠU).

([3]) L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Diċembru 2008 (għadha ma mhix ippubblikata fil-ĠU) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' April 2009.

([4]) ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45.

([5]) ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1.

([6]) ĠU L 168, 27.6.2002, p. 43.

([7]) ĠU L 133, 22.5.2008, p. 66.

(7) L-Istati Membri m'għamlu l-ebda użu mill-possibbiltà skont l-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2002/47/KE li jagħżlu li ma japplikawx id-dritt ta' approprjazzjoni tar-riċevitur tal-kollateral. Għaldaqstant, dik id-dispożizzjoni għandha titħassar.

(8) Għalhekk, id-Direttivi 98/26/KE u 2002/47/KE għandhom jiġu emendati.

(9) Skont il-punt 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar tfassil aħjar tal- liġijiet ([1]) l-Istati Membri huma mħeġġa biex ifasslu, għalihom infushom u fl-interess tal-Komunità, it-tabelli tagħhom stess, li jindikaw, sa fejn ikun possibbli, il-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-m iżuri ta' traspożizzjoni, u jagħmluhom pubbliċi,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emendi għad-Direttiva 98/26/KE

Id-Direttiva 98/26/KE hija b'dan emendata kif ġej:

(1) Il-premessa 8 għandha tiġi mħassra.

(2) Għandha tiddaħħal il-premessa li ġejja:

"(14a) Billi l-awtoritajiet kompetenti jew s-sorveljaturi nazzjonali għandhom jiżguraw li l-operaturi tas-sistemi li jistabbilixxu s-sistemi interoperabbli jaqblu, kemm jista' jkun possibbli, dwar regoli komuni dwar il-mument tad-dħul fis-sistemi interoperabbli. L-awtoritajiet kompetenti u s-sorveljaturi nazzjonali għandhom jiżguraw li r-regoli dwar il-mument tad-dħul fis-sistemi interoperabbli jkunu kkoordinati, sa fejn dan ikun possibbli u meħtieġ, sabiex tiġi evitata l-inċertezza legali f'każ li jinqalgħu xi problemi f'sistema li tkun qed tipparteċipa.".

(3) Għandha tiddaħħal il-premessa li ġejja:

"(22a) Billi fil-każ ta' sistemi interoperabbli, in-nuqqas ta' koordinazzjoni rigward liema regoli dwar il-mument tad-dħul u l-irrevokabbiltà japplikaw, jista' jesponi lill-parteċipanti f'sistema waħda, jew anki lill-operatur tas-sistema stess, għall-effetti ta'spillover ta' nuqqas fis-sistema l-oħra. Bil-għan li jitnaqqas ir-riskju sistemiku, huwa mixtieq li jkun previst li l-operaturi tas-sistema ta' sistemi interoperabbli jikkoordinaw ir-regoli dwar il-mument tad-dħul u l-irrevokabbiltà fis-sistemi li huma joperaw.".

([1]) ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

(4) L-Artikolu 1 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-punt (a), il-kelma "eku" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "euro";

(b) fil-punt (c), it-tieni inċiż għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"— operazzjonijiet tal-banek ċentrali tal-Istati Membri jew tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-kuntest tal-funzjoni tagħhom bħala banek ċentrali.".

(5) L-Artikolu 2 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) l-ewwel inċiż għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"— bejn tliet parteċipanti jew aktar, minbarra l-operatur tas-sistema ta' dik is-sistema, aġent għas-settlement potenzjali, kontroparti ċentrali potenzjali, clearing house potenzjali jew parteċipant indirett potenzjali, b'regoli komuni u arranġamenti standardizzati għall-clearing, kemm permezz ta' kontroparti ċentrali kif ukoll mingħajru jew l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' trasferiment bejn il-parteċipanti,";

(ii) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Arranġament miftiehem bejn żewġ sistemi interoperabbli m'għandux jitqies bħala sistema.";

(b) fil-punt (b), l-ewwel u t-tieni inċiżi huma sostitwiti b'dan li ġej:

"— istituzzjoni ta' kreditu kif definita fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar il-bidu u ż-żamma ta' negozju ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (tfassil mill-ġdid) ([*]) inklużi l-istituzzjonijiet elenkati fl-Artikolu 2 ta' dik id-Direttiva,

— ditta ta' investiment kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji ([**]), ħlief l-istituzzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(1) tagħha,

([*]) ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1.
([**]) ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1.";

(c) il-punt (f) għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(f) 'parteċipant' għandha tfisser istituzzjoni, kontroparti ċentrali, aġent għas-settlement, clearing house jew operatur tas-sistema.";

(ii) It-tielet subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Stat membru jista' jiddeċiedi li għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva parteċipant indirett jista' jitqies bħala parteċipant jekk dan ikun ġustifikat għal raġunijiet ta' riskju sistematiku. Fejn parteċipant indirett jitqies li jkun parteċipant abbażi ta' riskju sistemiku, dan ma jillimitax ir-responsabilità tal-parteċipant li permezz tiegħu l-parteċipant indirett jgħaddi l-ordnijiet ta' trasferiment lis-sistema.";

(d) Il-punt (g) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(g) 'parteċipant indirett' għandha tfisser istituzzjoni, kontroparti ċentrali, aġent għas-settlement, clearing house jew operatur tas-sistema b'relazzjoni kuntrattwali ma' parteċipant f'sistema li teżegwixxi ordnijiet ta' trasferiment li jippermettu li l-parteċipant indirett jgħaddi l-ordnijiet ta' trasferiment mis-sistema; sakemm l-parteċipant indirett ikun magħruf lill-operatur tas-sistema.";

(e) Il-punt (h) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(h) 'titoli' għandha tfisser l-istrumenti kollha li jissemmew fit-taqsima C tal-Anness I għad-Direttiva 2004/39/KE;";

(f) fil-punt (i), l-ewwel inċiż għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"— kull istruzzjoni minn parteċipant sabiex jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' riċevitur ammont ta' flus permezz ta' reġistrazzjoni fil-kontijiet ta' istituzzjoni ta' kreditu, bank ċentrali, kontroparti ċentrali jew aġent għas-settlement, jew kwalunkwe istruzzjoni li tirriżulta fis-suppożizzjoni jew fir-rilaxx ta' obbligu ta' ħlas kif definit mir-regoli tas-sistema, jew";

(g) il-punt (l) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(l) 'kont ta' settlement' għandha tfisser kont fil-bank ċentrali, aġent għas-settlement jew kontroparti ċentrali użat sabiex jinżammu fondi jew titoli u sabiex jitħallsu tranżazzjonijiet bejn parteċipanti f'sistema;";

(h) il-punt (m) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(m) 'sigurtà kollaterali' għandha tfisser l-assi realizzabbli kollha, inklużi, mingħajr limitazzjonijiet, il-kollateral finanzjarju msemmi fl-Artikolu 1(4)(a) tad-Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2002 dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali (*), ipprovduti b'rahan (inklużi flus ipprovduti b'rahan), xiri mill-ġdid jew ftehim simili, jew mezz ieħor, bil-għan li jkunu żgurati drittijiet u obbligi li potenzjalment jirriżultaw b'konnessjoni ma' sistema jew ikunu pprovduti lill-banek ċentrali tal-Istati Membri jew lill-Bank Ċentrali Ewropew;

(*) ĠU L 168, 27.6.2002, p. 43.";

(i) il-punti li ġejjin għandhom jiġu miżjuda:

"(n) 'jum ta' negozju' għandha tkopri s-servizzi ta' settlement ta' bi nhar u ta' bil-lejl u għandha tinkludi l-avvenimenti kollha li jiġru matul iċ-ċiklu tan-negozju ta' sistema;

(o) 'sistemi interoperabbli' għandha tfisser żewġ sistemi jew aktar li l-operaturi tas-sistema tagħhom ikunu daħlu f'arranġament bejniethom li jinvolvi l-eżekuzzjoni minn sistema għall-oħra ta' ordnijiet ta' trasferiment;

(p) 'operatur ta' sistema' għandha tfisser l-entità jew l-entitajiet legalment responsabbli għat-tħaddim ta' sistema. Operatur ta' sistema jista' jaġixxi wkoll bħala aġent għas-settlement, kontroparti ċentrali jew clearing house.".

(6) L-Artikolu 3 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) paragrafu 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ordnijiet ta' trasferiment u t-totalizzar(*netting*) għandhom ikunu legalment infurzabbli u vinkolanti fuq partijiet terzi, anke fil-każ ta' proċedimenti ta' falliment kontra parteċipant, ladarba l-ordnijiet ta' trasferiment ikunu ddaħħlu fis-sistema qabel il-mument tal-bidu ta' tali proċedimenti ta' falliment kif definit fl-Artikolu 6(1). Dan għandu japplika anke fil-każ ta' proċedimenti ta' falliment kontra parteċipant (fis-sistema kkonċernata jew f'sistema interoperabbli) jew kontra l-operatur tas-sistema ta' sistema interoperabbli li mhuwiex parteċipant.

Fejn l-ordnijiet ta' trasferiment jiddaħħlu f'sistema wara l-mument tal-bidu ta' proċedimenti ta' falliment u jitwettqu fil-jum tan-negozju, kif ġie definit mir-regoli tas-sistema, li matulu jseħħ il-bidu ta' tali proċedimenti, dawn għandhom ikunu legalment infurzabbli u vinkolanti fuq partijiet terzi biss jekk l-operatur tas-sistema jista' jipprova li, fil-ħin meta tali ordnijiet ta' trasferiment saru irrevokabbli, ma kienx konxju, u lanqas ma kellu jkun konxju, bil-bidu ta' tali proċedimenti.";

(b) Għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. Fil-każ ta' sistemi interoperabbli, kull sistema għandha tiddetermina fir-regoli tagħha stess il-mument ta' dħul fis-sistema tagħha, b'tali mod li tiżgura, safejn possibbli, li r-regoli tas-sistemi interoperabbli kkonċernati kollha huma kkoordinati f'dan ir-rigward. Sakemm ma jkunx espressament previst mir-regoli tas-sistemi kollha, li huma parti tas-sistema interoperabbli, ir-regoli ta' sistema waħda dwar il-mument ta' dħul m'għandhom ikunu affettwati mill-ebda regola tas-sistemi l-oħrajn li magħhom hi tkun interoperabbli.".

(7) L-Artikolu 4 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-bidu ta' proċedimenti ta' falliment kontra parteċipant jew operatur tas-sistema ta' sistema interoperabbli m'għandux jipprevjeni li fondi jew titoli disponibbli fil-kont tal-ħlas ta' dak il-parteċipant ikunu użati sabiex iwettqu l-obbligi ta' dak il-parteċipant fis-sistema (jew f'sistema interoperabbli) fil-jum tan-negozju tal-bidu tal-proċedimenti ta' falliment. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu wkoll li faċilità ta' kreditu tat-tali parteċipant konnessa mas-sistema tintuża kontra s-sigurtà kollaterali eżistenti disponibbli għat-twettiq tal-obbligi tal-parteċipant fis-sistema jew f'sistema interoperabbli.".

(8) Fl-Artikolu 5, is-subparagrafu għandu jiġi miżjud:

"Fil-każ ta' sistemi interoperabbli, kull sistema għandha tiddetermina fir-regoli tagħha stess il-mument ta' irrevokabbiltà, b' tali mod li tiżgura, safejn possibbli, li r-regoli tas-sistemi interoperabbli kkonċernati kollha huma kkoordinati f'dan ir-rigward. Sakemm ma jkunx espressament previst mir-regoli tas-sistemi kollha li huma parteċipanti fis-sistemi interoperabbli, ir-regoli ta' sistema waħda dwar il-mument ta' irrevokabbiltà m'għandhom ikunu affettwatti mill-ebda regola tas-sistemi l-oħrajn li magħhom hi tkun interoperabbli.".

(9) L-Artikolu 7 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 7*

Proċedimenti ta' falliment m'għandhomx ikollhom effett retroattiv fuq id-drittijiet u l-obbligi ta' parteċipant li joriġinaw minn, jew b'konnessjoni mal-parteċipazzjoni tiegħu f'sistema qabel il-mument tal-bidu ta' tali proċedimenti kif definit fl-Artikolu 6(1). Dan għandu japplika inter alia b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet u l-obbligi ta' parteċipant f'sistema interoperabbli jew ta' operatur tas-sistema ta' sistema interoperabbli li ma jkunx parteċipant.".

(10) L-Artikolu 9 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 9*

1. Id-drittijiet ta' operatur tas-sistema jew ta' parteċipant għas-sigurtà kollaterali pprovduti lilhom b'konnessjoni ma' sistema jew kwalunkwe sistema interoperabbli, u d-drittijiet tal-banek ċentrali tal-Istati Membri jew tal-Bank Ċentrali Ewropew għas-sigurtà kollaterali pprovduta lilhom, m'għandhomx ikunu affettwati minn proċeduri ta' falliment kontra::

(a) parteċipant (fis-sistema kkonċernata jew f'sistema interoperabbli),

(b) operatur tas-sistema ta' sistema interoperabbli li mhuwiex parteċipant,

(c) kontroparti għall-banek ċentrali tal-Istati Membri jew il-Bank Ċentrali Ewropew, jew

(d) parti terza.li tipprovdi sigurta' kollaterali.

Tali sigurtà kollaterali tista' tiġi realizzata sabiex jiġu ssodisfati dawk id-drittijiet.

2. Meta t-titoli li jinkludu drittijiet f'titoli huma provduti bħala sigurtà kollaterali għall-parteċipanti, l-operaturi tas-sistemi u il-banek ċentrali tal-Istati Membri jew il-Bank Ċentrali Ewropew kif deskritt fil-paragrafu 1, u d-dritt tagħhom jew dak ta' kull kandidat, aġent jew parti terza li j/taġixxi f'isimhom fir-rigward tat-titoli hija/huwa legalment reġistrat f'reġistru, kont jew sistema depositorja ċentralizzata li tinsab fi Stat Membru, id-determinazzjoni tad-drittijiet ta' tali entitajiet bħala detenturi ta' sigurtà kollaterali fir-rigward ta' dawk it-titoli għandha tkun regolata mil-liġi ta' dak l-Istat Membru.".

(11) L-Artikolu 10 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 10*

1. L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw is-sistemi, u l-operaturi tas-sistemi rispettivi, li għandhom ikunu inklużi fl-ambitu ta' din id-Direttiva u għandhom jinnotifikawhom lill-Kummissjoni u jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-awtoritajiet li jkunu għażlu skont l-Artikolu 6(2).

L-operatur tas-sistema għandu jindika lill-Istat Membru li l-liġi tiegħu hija applikabbli l-parteċipanti fis-sistema, inkluż kwalunkwe parteċipanti indiretti potenzjali, kif ukoll kwalunkwe bidla fihom.

Barra mill-indikazzjoni prevista fit-tieni subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jimponu superviżjoni jew ħtiġiet ta' awtorizzazzjoni fuq sistemi li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tagħhom.

L-istituzzjoni għandha, fuq talba, tinforma kwalunkwe persuna bis-sistemi li fihom tipparteċipa u tipprovdi informazzjoni dwar ir-regoli prinċipali li jirregolaw l-operazzjoni ta' dawk is-sistemi.

2. Is-sistema li tintgħażel qabel id-dħul fis-seħħ ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 2009/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li temenda id-Direttiva 98/26/KE taldwar il-finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli u d-Direttiva 2002/47/KE dwar arranġamenti finanzjarji kollateral rigward sistemi konnessi u talbiet għal kreditu (*) għandha tibqa' tkun dik magħżula għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

L-ordni ta' trasferiment li tidħol fis-sistema qabel id-dħul fis-seħħ ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 2009/44/KE, li madankollu titħallas wara dak iż-żmien għandha titqies li hi ordni ta' trasferiment għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

(*) ĠU L 146, 10.6.2009, p. 37."

Artikolu 2

Emendi għad-Direttiva 2002/47/KE

Id-Direttiva 2002/47/KE *hija* emendata kif ġej:

(1) Il-Premessa 9 għandha tinbidel b'dan li ġej:

"(9) Sabiex jiġu limitati l-piżijiet amministrattivi għall-partijiet li jużaw il-kollateral finanzjarju skont il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, l-uniku rekwiżit ta' perfezzjoni fir-rigward tal-partijiet fir-rigward tal-kollateral finanzjarju mpost mill-liġi nazzjonali għandu jkun li l-kollateral finanzjarju jkun taħt il-kontroll tar-riċevitur tal-kollateral jew ta' persuna li taġixxi f'ismu waqt li ma jkunux esklużi teknići kollaterali fejn ikun permess lill-fornitur tal-kollateral li jissostitwixxi l-kollateral jew li jieħu lura l-kollateral żejjed. Din id-Direttiva m'għandhiex tipprojbixxi lill-Istati Membri milli jirrikjedu li talba għal kreditu tkun ikkonsenjata billi tiġi inkluża f'lista ta' talbiet.".

(2) Il-Premessa 20 għandha tinbidel b'dan li ġej:

"(20) Din id-Direttiva m'għandhiex tippreġudika l-operat u l-effett tal-klawżoli kuntrattwali ta' strumenti finanzjarji jew talbiet għal kreditu pprovduti bħala kollateral finanzjarju, bħal drittijiet, obbligi jew kondizzjonijiet oħrajn inklużi fit-termini tal-ħruġ ta' tali strumenti jew kwalunkwe drittijiet, obbligi jew kondizzjoni oħra li tapplika bejn min joħroġ u d-detentur ta' tali strumenti jew bejn id-debitur u l-kreditur ta' tali talbiet għal kreditu.".

(3) Għandha tiddaħħal il-premessa li ġejja:

"(23) Din id-Direttiva m' għandhiex taffettwa d-drittijiet tal-Istati Membri li jimponu regoli biex jiżguraw l-effettività ta' arranġamenti kollaterali finanzjarji fir-rigward ta' partijiet terzi dwar talbiet għal kreditu,".

(4) L-Artikolu 1 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-punt (b) tal-paragrafu 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(b) bank ċentrali, il-Bank Ċentrali Ewropew, il-Bank għas-Settlements Internazzjonali, bank dwar l-iżvilupp multilaterali kif jissemmew fit-Taqsima 4 tal-Parti 1 tal-Anness VI għad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar il-bidu u ż-żamma ta' negozju ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (tfassil mill-ġdid) (*), il-Fond Monetarju Internazzjonali u l-Bank Ewropew tal-Investiment;

(*) ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1.";

(b) il-punt (c) tal-paragrafu 2, il-punti (i) sa (iv) għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"(i) istituzzjoni ta' kreditu kif ġiet definita fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2006/48/KE, inklużi l-istituzzjonijiet elenkati fl-Artikolu 2 ta' dik id-Direttiva;

(ii) impriża ta' investiment kif ġiet definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji (*);

(iii) istituzzjoni finanzjarja kif ġiet definita fl-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2006/48/KE;

(iv) impriża tal-assigurazzjoni kif ġiet definita fil-punt (a) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/49/KEE tat-18 ta' Ġunju 1992 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu ma assigurazzjoni diretta barra minn assigurazzjoni tal-ħajja (it-tielet direttiva mhux dwar il-ħajja) (**) u impriża tal-assigurazzjoni tal-ħajja kif ġiet definita fil-punt (a) tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2002/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 li tikkonċerna l-assigurazzjoni fuq il-ħajja (***);

(*) ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1.
(**) ĠU L 228, 11.8.1992, p. 1.
(***) ĠU L 345, 19.12.2002, p. 1.";

(c) il-punt (a) tal-paragrafu 4 *għandu jiġi* sostitwit b'dan li ġej:

"(a) Il-kollateral finanzjarju li *jrid* jiġi pprovdut *għandu* jikkonsisti fi flus kontanti, strumenti finanzjarji jew talbiet għal kreditu;";

(d) fil-paragrafu 4, għandu jiġi miżjud il-punt li ġej:

"(c) L-Istati Membri jistgħu jeskludu mill-ambitu ta' din id-Direttiva talbiet għal kreditu meta d-debitur ikun konsumatur kif iddefinit fil-punt (a) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumaturi (*) jew intrapriża mikro jew żgħira kif definita fl-Artikolu 1 u fl-Artikolu 2(2) u (3) tal-anness għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 rigward id-definizzjoni ta' mikro-intrapriżi u ta' intrapriżi żgħar u medji (**), ħlief fejn ir-riċevitur tal-kollateral jew il-fornitur tal-kollateral ta' talbiet għal kreditu bħal dawn ikun wieħed mill-istituzzjonijiet imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 1(2) ta' din id-Direttiva.

(*) ĠU L 133, 22.5.2008, p. 66.
(**) ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36.";

(e) il-paragrafu 5 għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fit-tieni sottoparagrafu, għandha tiġi miżjuda s-sentenza li ġejja:

"Għal talbiet għal kreditu, l-inklużjoni f'lista ta' talbiet imressqin bil-miktub, jew b'mod legalment ekwivalenti, lir-riċevitur tal-kollateral hija biżżejjed sabiex tidentifika t-talba għal kreditu u biex tagħti prova tal-forniment tat-talba pprovduta bħala kollateral finanzjarju bejn il-partijiet.";

(ii) is-subparagrafu li ġej għandu jiġi mdaħħal wara t-tieni subparagrafu:

"Mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-inklużjoni f'lista ta' talbiet imressqin bil-miktub, jew b'mod legalment ekwivalenti, lir-riċevitur tal-kollateral hija wkoll biżżejjed sabiex tidentifika t-talba għal kreditu u biex tagħti prova tal-forniment tat-talba pprovduta bħala kollateral finanzjarju kontra d-debitur u/jew il-partijiet terzi."

(5) L-Artikolu 2 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) punti (b) u (c) għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"(b) 'arranġament kollaterali finanzjarju dwar trasferiment ta' titolu' tfisser arranġament, li jinkludi ftehim dwar xiri mill-ġdid, fejn fornitur ta' kollateral, jittrasferixxi l-proprjetà sħiħa ta' kollateral finanzjarju jew id-dritt sħiħ għalih lil riċevitur ta' kollateral bil-għan li jkun żgurat jew b'mod ieħor ikopri t-twettiq ta' obbligi finanzjarji rilevanti;

(c) 'arranġament kollaterali finanzjarju ta' sigurtà' tfisser arranġament li fih min qed jipprovdi l-kollateral jipprovdi kollateral finanzjarju bħala sigurtà lil jew favur ir-riċevitur tal-kollateral, u fejn il-proprjetà sħiħa jew kwalifikata tal-kollateral finanzjarju, jew id-dritt sħiħ għalih, tibqa' ma' min qed jipprovdi l-kollateral meta jiġi stabbilit id-dritt għas-sigurtà;";

(ii) Għandu jiġi miżjud il-punt li ġej:

"(o) 'talbiet għal kreditu' tfisser talbiet għall-flus li jirriżultaw minn ftehim fejn isitituzzjoni ta' kreditu, kif ġiet definita fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2006/48/KE, inklużi l-istituzzjonijiet elenkati fl-Artikolu 2 ta' dik id-Direttiva, tagħti kreditu fil-forma ta' self.";

(b) Fil-paragrafu 2, it-tieni sentenza *għandha tiġi* sostitwita b'dan li ġej:

"Kwalunkwe dritt ta' sostituzzjoni jew dritt li jiġi rtirat il-kollateral finanzjarju eċċessiv favur il-fornitur tal-kollateral jew, fil-każ ta' talbiet għal kreditu, li jinġabru l-flus tiegħu sakemm iseħħu żviluppi ġodda, m'għandux jippreġudika l-kollateral finanzjarju li jkun ġie pprovdut lir-riċevitur tal-kollateral, kif imsemmi f'din id-Direttiva.".

(6) L-Artikolu 3 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, għandhom jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 1(5), meta t-talbiet għal kreditu jkunu pprovduti bħala kollateral finanzjarju, l-Istati Membri m'għandhomx jeħtieġu li l-ħolqien, il-validità, il-perfezzjoni, il-prijorità, l-infurzabilità jew l-ammissibbiltà bħala evidenza ta' dan il-kollateral finanzjarjujkunu dipendenti fuq it-twettiq ta' kwalunkwe att formali bħar-reġistrazzjoni jew in-notifika tad-debitur tat-talba għal kreditu pprovduta bħala kollateral. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jinħtieġu t-twettiq ta' att formali, bħar-reġistrazzjoni jew in-notifika, għall-finijiet ta' perfezzjoni, prijorità jew infurzar jew ammissibilità bħala prova kontra d-debitur u/jew partijiet terzi.

Sat-30 ta' Ġinju 2014, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar jekk dan il-paragrafu għadux xieraq.";

(b) għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (*) u għad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar klawżoli kuntrattwali inġusti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-debituri tat-talbiet għal kreditu jistgħu jirrinunzjaw b'mod validu, bil-miktub jew b'mod legalment ekwivalenti:

(i) għad-drittijiet ta' tpaċija tagħhom fil-konfront tal-kredituri tat-talba għal kreditu u fil-konfront tal-persuni li lilhom il-kreditur ikun ta, ta b'rahan jew b'xi mod ieħor immobilizza t-talba għal kreditu bħala kollateral; u

(ii) għad-drittijiet tagħhom li jirriżultaw mir-regoli tas-segretezza bankarja li nkella, kienu jipprevjenu jew jirrestrinġu l-ħila tal-kreditur tat-talba għal kreditu li jipprovdi informazzjoni dwar it-talba għal kreditu jew dwar id-debitur bil-għan li t-talba għal kreditu tintuża bħala kollateral.

(*) ĠU L 95, 21.4.1993, p. 29.".

(7) L-Artikolu 4 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, għandu jiġi miżjud il-punt li ġej:

"(c) talbiet għal kreditu, permezz ta' bejgħ jew approprjazzjoni u permezz ta' tpaċija tal-valur tagħhom kontra, jew billi jiġi applikat il-valur tagħhom waqt li jwettqu l-obbligi finanzjarji rilevanti.";

(b) fil-paragrafu 2, il-punt (b) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(b) il-partijiet ikunu ftiehmu fl-arranġament kollaterali finanzjarju ta' sigurtà dwar il-valutazzjoni tal-istrumenti finanzjarji u t-talbiet għal kreditu.";

(c) il-paragrafu 3 għandu jitħassar.

(8) Fl-Artikolu 5, il-paragrafu li ġej għandu jiġi miżjud:

"6. Dan l-Artikolu m'għandux japplika għal talbiet għal kreditu.".

(9) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej wara l-Artikolu 9:

"*Artikolu 9a*

Direttiva 2008/48/KE

Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom ikunu bla ħsara għad-Direttiva 2008/48/KE.".

Artikolu 3

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sat-30 ta' Diċembru 2010. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni minnufih bihom.

Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri mit-30 ta' Ġunju 2011.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, huma għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jiġu meħmuża ma' tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill- Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 4

Dħul fis-Seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 5

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strażburgu, is-6 ta' Mejju 2009.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
H.-G. PÖTTERING	J. KOHOUT